Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8– L-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-5:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

8.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 8.3 Miġja tal-Maġi

8.3.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li peress li l-kuntatti stabiliti mal-lokalita' ta' Obermerragau fil-Ġermanja saru ftit tard u l-prezzijiet tal-ajru u l-akkomodazzjoni kienu ser jiġu għoljin, huwa beda jfittex alternattiva oħra anke wara li tkellem mas-Sindku ta' Campagano li kien prezenti għall-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Irnexxielu wkoll jikkuntatja lill-kommunita' ta' Loreto fejn qed jiċċelebraw il-ġublew tal-25 anniversarju u għalhekk huwa propona li l-Miġja tal-Maġi 2019 titlaq minn Tolfa-Campagano-Loreto-Għajnsielem.

8.3.2 Ġew diskussi l-prezzijiet tal-ajru li peress li z-zmien huwa qrib intelgħu għal madwar €260 kull persuna u jonqos li jitħallas lejl akkomodazzjoni f'Loreto u t-trasport kollu nvolut. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni li ma jistax jinqabez il-budget ta' €1200 jew massimu ta' €1500 f'dawk li huma spejjes ta' vjaggar u akkomodazzjoni.

8.3.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrimarka li ma jħossx li għandhom jintefqu dawn l-eluf ta' flus fil-Miġja tal-Maġi minn barra minn Malta meta l-istess vjaġġ jista jsir faċilment bl-istess promozzjoni minn irħula minn Malta. Huwa rrefera għal dawn l-ispejjes bħala tberbiq żejjed ta' flus għal safar u li għalih kien hemm bosta ilmenti fuq il-medja socjali li fejn qalu li hija kummiedja għall-fatt li l-Magi qed jigu bl-ajruplan meta din mhix parti mill-istorja tal-Magi. Huwa propona li din is-sena l-Migja tal-Magi titlaq minn irhula Maltin u anke possibilment Għawdxin.

8.3.4 Il-Vici Sindku Franco Ciangura talab lil kunsillier Mercieca biex ma jirridikolax il-progett b'dawn il-kummenti tiegħu. Huwa jhoss li dawn il-Migjiet tal-Magi minn barra minn Malta għinu biex il-progett jinfirex internazzjonalment u jkabbar l-isem tal-lokalita'.

8.3.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrimarka li kien il-Kunsill fi żmien is-Sindku Francis Cauchi li ħareġ bl-idea li jsir Presepju ħaj f'Ta' Passi meta kien hemm fondi allokati għal dawn it-tip ta' attivitajiet. Kien imbgħad il-Kunsill li qabbad lil Franco Ciangura sabiex jaħdem fuq din l-attivita. Il-Vici Sindku Franco Ciangura fakkar li huwa kien diġa għamel proġett simili fil-pjazza fl-2001.

8.3.6 Waqt il-laqgħa nqalgħet tilwima bejn il-Vici Sindku u l-kunsillier Mercieca u l-Vici Sindku rtira mil-laqgħa.

8.3.5 Is-Sindku tenna mal-Kunsiliera preżenti bl-importanza li meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dan m'għandux jiġi interpretat bħala attakk personali. Is-Sindku qal li għanda tinżamm il-kalma u kulħadd jgħid l-opinjoni tiegħu mingħajr ħadd ma jiżvija mis-suġġett.

8.3.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba qal li huwa ma' jaqbilx li l-attivita tas-Slaten Maġi għanda issir barra minn Malta irrespettivament minn fejn ser jitilqu. Huwa qabel mal-Kunsillier Stephen Mercieca u qal li l-flus li niffrankaw jistaw jintużaw sabiex jsiru attivitajiet li jgawdu minnhom aktar nies.

8.3.8 Il-Kunsillier Larry Buttigieg qal li kien ilu għal diversi xhur ji[bed l-attenzjoni li l-attivita' tas-Slaten Maġi għanda tiġi ffinalizata u li l-biljetti jinqataw bi prezz kompettitiv. Huwa jemmen li l-attivita' li ssir barra minn Malta ma titqisx b]ala 'holiday' iżda esperjenza. Huwa stqarr ukoll li mhux kontra l-principju li l-Maġi jinġabu minn barra minn Malta iżda wkoll jemmen li peress li din is-sena ninsabu xi ftit tard u ma nafux in-nefqa kemm se tkun, għandha ssir attivita' tajba f'Malta, anke f'xi raħal filgħaxija u jekk tiġi irreklamata tajjeb ghandha wkoll tkun success.

8.3.9 Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u sar qbil unanimu li f'dawn ic-cirkustanzi, għal din is-sena l-Migja tal-Magi mhux ser issir barra minn Malta iżda minn lokalitajiet Maltin fosthom il-Birgu u l-Ħamrun.

## 8.4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

8.4.1 Is-Segretarja prezentat l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati.

## 8.5 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020 fl-4:15pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**